



## 1 Paniku f'Żaqq-Ratba!

Il-Prinċep Ġan-Perlinu u l-Prinċipessa Marija-Ġelatina kienu fi stat tal-biża'. Il-Prinċep kien f'qiegħ ta' sodda b'attakk qawwi tal-fwied, jitgħawweġ u jinbaram qisu dudu kbir.

Fl-istess ħin il-Prinċipessa, b'mera

żgħira f'idha, kienet qed tgħodd kemm kellha buttuni, u tnewwaħ.

Għax peress li kienu jqattgħu ġranet sħaħ jieklu quddiem it-televixin, dawn it-tnejn saru enormi daqs żewġ iljunfanti.

Anzi, agħar! Ġisimhom tant kien tpaħpaħ li biex jiċċaqalqu kellhom jużaw speċi ta' magna stramba bir-roti.

Meta kien għadu tarbija, il-Prinċep Ġan-Perlinu kien jixrob erbgħin flixkun luminata kuljum, u kien jiżen daqs ħanżir kbir. Meta kellu





sena, kien jiekol biss patata ċips mgħaffġa u pizza mgħollija.

Ta' 15-il sena, meta missieru tah l-ewwel żiemel tiegħu, kellhom iġibulu krejn biex seta' jitla' fuqu. Iż-żiemel spiċċa miet mewta vjolenti, mgħaffeġ bħal pulpetta taħt il-patata daqs dinja tal-Prinċep.